**25 ta' Novembru, 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D**

Maria Carmela Zammit Tabona et

*versus*

Emmanuele Borg

**Produċibilità ta' xhud — Eċċezzjoni ulterjuri.**

*Il-konvenut jista' jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri għall-ewwel eċċezzjoni li jkun ta, u jista' jippreżenta d-dikjarazzjoni ulterjuri u jindika xhieda ġodda biex jipprova l-fatti li jissostanzjaw l-eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Il-Qorti, fuq l-inċident dwar il-produċibilità tax-xhud Dolores Borg mart il-konvenut u kif verbalizzat illum stess;

Peress illi mill-art. 158 (5) u (7) tal-Kodiċi Proċedura Ċivili ma jirriżulta xejn kontra d-dritt (fondamentali fil-proċedura) tal-konvenut li jippreżenta noti tal-eċċezzjonijiet ulterjuri għall-ewwel waħda tiegħu, li biha jkun ikkontesta l-liti u dana peress li, kif huwa wisq magħruf, il-konvenut — a differenza mill-attur — jista' jbiddel il-posizzjoni tiegħu; u jekk huwa hekk allura hu evidenti li ma kull eċċezzjoni ġdida l-konvenut jista' jippreżenta d-dikjarazzjoni relativa għalija bir-riferenza għall-fatti li jistgħu jissostanzjawha u għax-xhieda li jistgħu jippruvaw dawk il-fatti.

Peress illi meta l-konvenut kif ġià f'dan il-każ, jibda biex jagħti eċċezzjoni ritwali, l-indikazzjoni tax-xhieda ta' fatt tkun għadha irrilevanti f'dak li stadju, u għalkemm dan jista' jkun sorġenti ta' inkonvenjent jibqa' però dritt tal-konvenut li ma jridx li l-art. 155 kien ġie imfassal biex itelfu;

Peress li meta l-konvenut jippreżenta eċċezzjoni ritwali u jitlifha — kif ġara f'dan il-każ — huwa jista' ġustament jirritjeni li n-neċessità tas-smiegħ tax-xhud fil-meritu tkun inqalet wara l-preżentata ta' l-ewwel nota, għax dak li stadju l-konvenut ikollu, id-dritt kollu li jispera li bis-suċċess ta' l-ewwel eċċezzjoni l-Qorti ma tilħaqx tasal għat-tieni stadju;

U peress li f'dan il-każ infatti l-konvenut għamel talba verbalizzata *illum stess*, li in sostanza tammonta għat-talba fit-terminu tal-każ eċċezzjonali previst mill-art. 158 (7) tal-Kodiċi Proċedura Ċivili ċioè ta' xhud li n-neċessità tal-produzzjoni tiegħu tinqala' wara l-preżentata ta' l-ewwel dikjarazzjoni.

Tidderimi dan l-inċident billi tiddikjara l-imsemmija xhud produċibili iżda in vista tan-natura u milli jidher anki tannovità tal-problema, tordna li l-ispejjeż ta' dan id-digriet jibqgħu bla taxxa iżda li d-dritt tar-Reġistru jitħallsu bin-nofs.